Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Settembru 2026**
**(OR. en)**

**12846/26**

**ENV 1030**
**ENT 212**
**COMPET 1030**
**IND 527**
**SAN 639**
**CONSOM 251**
**MI 850**
**CHIMIE 110**
**DELACT 138**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 7 ta' Settembru 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2026) 6059 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'7.9.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6059 final.

---

Mehmuż: C(2026) 6059 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.9.2026
C(2026) 6059 final

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**ta'7.9.2026**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 hu maħsub biex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-pollutanti organiċi persistenti (“POPs”) billi jipprojbixxi, jelimina gradwalment malajr kemm jista’ jkun, jew jillimita l-manifattura, it-tqegħid fis-suq, u l-użu tas-sustanzi soġġetti għall-Konvenzjoni ta’ Stokkolma dwar il-POPs (“il-Konvenzjoni”). Waqt it-tnax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Stokkolma, li saret f’Ġinevra, l-Iżvizzera, bejn it-28 ta’ April u d-9 ta’ Mejju 2025, ġie deċiż li l-aċidi perfluworokarbossiliċi ta’ katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati jiġu inklużi fl-Anness A tal-Konvenzjoni b’ċerti eżenzjonijiet speċifiċi. Din id-deċiżjoni għandha tiġi riflessa fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021.

Dan l-att delegat jimplimenta d-deċiżjoni SC-12/12 biex l-aċidi perfluworokarbossiliċi (PFCAs $C_9$-$C_{21}$), l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati jiġu elenkati fl-Anness A, f’konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

Sottogrupp tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ (il-PFCAs $C_9$-$C_{14}$) diġà hu ristrett fl-UE bir-Regolament (UE) Nru 1907/2006 (REACH), fl-entrata 68 tal-Anness XVII. Qed jiġi propost li l-grupp tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ jiġi inkluż fl-Anness I tar-Regolament dwar il-POPs, kif kopert bl-elenkar fil-Konvenzjoni, u dan ikun ikopri wkoll is-sottogrupp diġà ristrett fl-entrata 68 tal-Anness XVII tar-Regolament REACH. L-eżenzjonijiet inklużi fl-entrata 68 tal-Anness XVII skadew, ħlief l-eżenzjoni għall-kisi tal-laned għall-inalaturi b’doża mkejla taħt pressjoni, mogħtija fl-entrata 68 sal-25 ta’ Awwissu 2028, u l-eżenzjoni għas-semikondutturi użati fil-ispareparts tat-tagħmir elettroniku komplut imqiegħed fis-suq qabel il-31 ta’ Diċembru 2023, mogħtija fl-entrata 68 sal-31 ta’ Diċembru 2030. L-eżenzjoni għall-kisi tal-laned għall-inalaturi b’doża mkejla taħt pressjoni m’għadhiex meħtieġa, kif ikkonfermat il-parti kkonċernata rilevanti. Qed jiġi propost li fl-Anness I tar-Regolament dwar il-POPs tiġi inkluża l-eżenzjoni għat-tagħmir elettroniku komplut sal-31 ta’ Diċembru 2030.

B’rabta mal-valuri limitu tal-kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati (UTCs), qed jiġi propost li jintużaw il-limiti tal-konċentrazzjonijiet speċifikati fl-entrata 68 għall-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ u li jiġu stabbiliti limiti ogħla temporanji għall-PFCAs $C_{15}$-$C_{21}$, kif spjegat hawn taħt.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

B’rabta mal-abbozz tal-att delegat ġew ikkonsultati l-esperti nominati minn kull Stat Membru fil-grupp ta’ esperti rilevanti waqt il-laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs, u l-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati.

Anki l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-industrija tas-sustanzi kimiċi u s-soċjetà ċivili, ħadu sehem fid-diskussjonijiet dwar l-elenkar tal-aċidi perfluworokarbossiliċi ta’ katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati fl-Anness I tar-Regolament dwar il-POPs waqt il-laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs, u l-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati wkoll.

Barra minn hekk, bejn il-21 ta' Novembru u d-19 ta' Diċembru 2025 saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att fuq il-portal tal-mekkaniżmu tar-rispons pubbliku, u l-kummenti ġew ikkunsidari kif ġej.

Bosta partijiet ikkonċernati kkummentaw li, filwaqt li l-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ diġà huma regolati bl-entrata 68 tal-Anness XVII, is-$C_{15}$-$C_{21}$ PFCAs mhumiex. Skonthom, bħalissa ma jeżistux standards analitiċi għall-PFCAs $C_{15}$, $C_{17}$ u $C_{19}$-$C_{21}$, u li għal dawn il-komposti bħalissa tista' ssir biss analiżi semikwantitattiva. Dan hu partikolarment rilevanti għal xi taħlitiet u oġġetti li jaf ikun fihom dawn il-komposti bħala impuritajiet. Biex tindirizza dawn il-kummenti, il-Kummissjoni qed tipproponi li tistabbilixxi temporanjament valuri limitu tal-UTCs separati għall-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ u $C_{15}$-$C_{21}$ għall-fluworoplastik u l-fluworoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluworoalkossi, u għall-mikrotrabijiet tal-politetrafluworoetilen (PTFE). Skont l-informazzjoni li taw il-partijiet ikkonċernati, il-proċessi tal-manifattura u t-teknoloġiji attwali tat-tnaqqis tar-residwi jistgħu jillimitaw il-konċentrazzjoni tal-PFCAs $C_{15}$-$C_{21}$ għal 15 ppm għal dawn il-prodotti. Il-Kummissjoni qed tipproponi valur limitu tal-UTCs separat ta' 15 ppm għas-$C_{15}$-$C_{21}$, għal perjodu ta' 4 snin, kemm għall-fluworoplastik u l-fluworoelastomeri kif ukoll għall-mikrotrabijiet tal-PTFE. Hekk, il-manifatturi jkollhom biżżejjed ħin biex inaqqsu l-konċentrazzjoni tas-$C_{15}$-$C_{21}$ fil-prodotti li fihom dawn is-sustanzi bħala impuritajiet. Wara dak il-perjodu, għall-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ jibda japplika valur limitu tal-UTCs wieħed, allinjat mal-limitu attwali tal-PFCAs $C_9$-$C_{14}$. Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li tapplika dawk il-valuri limitu speċifiċi tal-UTCs mhux biss għall-preżenza ta' PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fis-sustanzi u fit-taħlitiet, iżda anki għall-preżenza tagħhom fl-oġġetti, kemm għall-fluworoplastik u l-fluworoelastomeri kif ukoll għall-mikrotrabijiet tal-PTFE.

Parti kkonċernata partikolari kkummentat li għandu jiġi stabbilit valur limitu speċifiku tal-UTCs ukoll għall-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fil-fowmijiet tat-tifi tan-nar, bħalma jsir għall-PFOA, l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, għax anki fil-fowmijiet tat-tifi tan-nar jaf ikun hemm preżenti mhux intenzjonalment PFCAs $C_9$-$C_{21}$ f'livelli li jaqbżu l-limitu ġenerali tal-UTCs. Il-Kummissjoni qed tipproponi li jiddaħħlu żewġ valuri limitu speċifiċi tal-UTCs (1 ppm għas-somma tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ u 10 ppm għall-komposti relatati), bl-istess skadenza tal-PFOA (it-3 ta' Awwissu 2028). Meta l-fowmijiet li fihom il-PFCAs $C_9$-$C_{21}$, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ jitneħħew mis-sistemi tat-tifi tan-nar, uħud minn dawk is-sustanzi jaf jibqgħu fis-sistema anki wara t-tindif u jistgħu jikkontaminaw il-fowmijiet il-ġodda li jiġu installati. Bħalma jiġri għall-PFOA, l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, il-Kummissjoni qed tipproponi li tistabbilixxi valur limitu tal-UTCs għall-PFCAs $C_9$-$C_{21}$, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fil-fowmijiet tat-tifi tan-nar mingħajr fluworu li jiġu installati wara t-tindif tas-sistemi tat-tifi tan-nar. Dak il-limitu jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 10 mg/kg għas-somma tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$.

Il-Kummissjoni qed tipproponi li żżid l-esklużjoni tal-komposti relatati mal-PFOA, li jistgħu jkunu wkoll komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$, fil-kolonna tax-xellug, għax dawn diġà huma koperti bl-entrata tal-PFOA, l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, fl-Anness I tar-Regolament dwar il-POPs.

Xi partijiet ikkonċernati talbu li jiġu inklużi l-eżenzjonijiet fid-deċiżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma għas-semikondutturi użati fl-ispareparts. L-entrata 68 tal-Anness XVII tar-Regolament REACH għall-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ tinkludi biss eżenzjoni għas-semikondutturi fl-ispareparts tat-tagħmir elettroniku, sal-31 ta' Diċembru 2030. Dan għax wieħed minn dawn il-PFCAs kien qed jintuża intenzjonalment fil-manifattura tas-semikondutturi sal-2023. Għal $C_{15}$-$C_{21}$, ma teżisti l-ebda informazzjoni dwar l-użu tagħhom fil-produzzjoni tas-semikondutturi fl-UE. Il-Kummissjoni qed tipproponi li żżid eżenzjoni speċifika biex tkopri l-użu intenzjonali possibbli ta' $C_{15}$-$C_{21}$ fis-semikondutturi fl-ispareparts barra mill-UE u l-preżenza fl-oġġetti importati.

Il-kummenti li talbu eżenzjonijiet speċifiċi jew perjodi tranżizzjonali għall-preżenza tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fl-oġġetti bħala impuritajiet qed jiġu indirizzati billi jiġu stabbiliti valuri limitu speċifiċi tal-UTCs. Xi partijiet ikkonċernati talbu li tingħata lista eżawrjenti tan-numri CAS għas-sustanzi koperti bl-entrata fl-Anness 1. Lista eżawrjenti ma tistax tingħata għax ċerti żviluppi tekniċi jaf iwasslu biex jiġu identifikati PFCAs $C_9$-$C_{21}$ addizzjonali relatati ma' komposti identifikati b'numri CAS oħrajn. Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni jħejji lista mhux eżawrjenti u jaġġornaha regolarment. Parti kkonċernati partikolari kkummentat li hemm ir-riskju ta' regolamentazzjoni doppja għax l-entrata 68 eżistenti fl-Anness XVII tar-Regolament REACH diġà tkopri l-PFCAs $C_9$-$C_{14}$. Kif sar fil-passat għall-PFOA, l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, il-Kummissjoni se tibda l-proċedura biex tneħħi l-entrata 68 mill-Anness XVII malli jiġi adottat dan l-att delegat.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jemenda l-lista tas-sustanzi kimiċi fl-Anness I abbażi ta' żviluppi skont il-Konvenzjoni, kif jeżiġi l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-bażi legali tal-att delegat hija l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'7.9.2026**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti[2] ("il-Konvenzjoni") u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti[3] ("il-Protokoll").

(2) L-Anness A tal-Konvenzjoni fih lista ta' sustanzi kimiċi. Kull Parti għall-Konvenzjoni trid tipprojbixxi s-sustanzi kimiċi fil-lista jew tieħu l-miżuri legali u amministrattivi meħtieġa biex telimina l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom.

(3) Waqt il-tnax-il laqgħa tagħha li saret bejn it-28 ta' April u d-9 ta' Mejju 2025, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 8(9) tal-Konvenzjoni, li temenda l-Anness A tal-Konvenzjoni biex tinkludi l-aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati f'dak l-Anness b'eżenzjonijiet speċifiċi. L-Unjoni appoġġat l-inklużjoni tal-aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati fl-Anness A b'eżenzjonijiet speċifiċi kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/868[4].

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi emendata wkoll il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 li fiha lista tas-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll, kif

---

[1] ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj.

[2] (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2006/507/oj).

[3] (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/259/oj).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/868 tat-23 ta' April 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tnax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tat-talbiet għall-estensjoni ta' eżenzjonijiet speċifiċi u tal-proposti għall-emendi tal-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2025/868, 12.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/868/oj).

ukoll is-sustanzi elenkati biss fil-Konvenzjoni, biex tkun tinkludi l-aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati.

(5) Fl-entrata 68 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] hemm elenkat grupp ta' aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati (PFCAs $C_9$-$C_{14}$), soġġett għal ċerti derogi li wħud minnhom laħqu skadew. L-Anness A tal-Konvenzjoni jinkludi l-grupp usa' tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$.

(6) Id-deroga għall-użu tal-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ fil-kisi tal-laned għall-inalaturi b'doża mkejla taħt pressjoni kif stabbilit fl-entrata 68 ma għadhiex meħtieġa, u dan ikkonfermatu l-parti kkonċernata rilevanti. Iżda d-deroga għall-użu tal-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ fis-semikondutturi użati fl-ispareparts tat-tagħmir elettroniku komplut mogħtija fl-entrata 68 sal-31 ta' Diċembru 2030 għat-tagħmir elettroniku komplut imqiegħed fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2023 għadha meħtieġa fl-Unjoni u għalhekk jenħtieġ li tiġi inkluża fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-Konvenzjoni tinkludi eżenzjoni speċifika għall-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fis-semikondutturi użati fl-ispareparts. Il-grupp tal-PFCAs $C_{15}$-$C_{21}$ għadu mhuwiex regolat fl-Unjoni u mhi disponibbli l-ebda informazzjoni fuq il-preżenza tagħhom fis-semikondutturi. Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jkun jinkludi eżenzjoni għall-PFCAs $C_{15}$-$C_{21}$ , l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati fis-semikondutturi użati fl-ispareparts, diment li dawn kienu inizjalment użati fil-produzzjoni tas-semikonduttur li jrid jiġi sostitwit jew imsewwi bl-isparepart.

(7) Biex jissaħħu l-applikazzjoni u l-infurzar tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021 fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit valur limitu għall-aċidi perfluworokarbossiliċi ta' katina twila, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati li jfeġġu bħala kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati (UTC) fis-sustanzi, fit-taħlitiet u fl-oġġetti. Dak il-valur limitu jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 0,025 mg/kg għas-somma tal-PFCAs $C_{15}$-$C_{21}$ u l-imlieħ tagħhom, u għal 0,26 mg/kg għas-somma tal-komposti relatati tal-PFCAs $C_{15}$-$C_{21}$, bi qbil mal-limiti stabbiliti fl-entrata 68 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. L-entrata 68 tistabbilixxi wkoll valuri limitu speċifiċi għall-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ meta dawn ikunu preżenti fil-fluworoplastik u l-fluworoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluworoalkossi u fil-mikrotrabijiet tal-politetrafluworoetilen (PTFE). Biex ikunu jistgħu jiġu żviluppati metodi analitiċi xierqa u teknoloġiji li jneħħu l-preżenza mhux intenzjonata ta' dawk il-komposti mill-prodotti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti separati għall-preżenza tal-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ u $C_{15}$-$C_{21}$ bħala kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati fil-fluworoplastik u l-fluworoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluworoalkossi u fil-mikrotrabijiet tal-politetrafluworoetilen, u jibqgħu validi sas-16 ta' Diċembru 2030. Wara dik id-data, il-

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

valur limitu speċifiku għall-PFCAs $C_9$-$C_{14}$ jenħtieġ li jkun japplika għall-grupp kollu tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$.

(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll valuri limitu speċifiċi tal-kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati għall-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fil-fowmijiet tat-tifi tan-nar, bħalma jiġri fl-entrata tal-PFOA, l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-valuri limitu ta' 1 mg/kg għas-somma tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ jew l-imlieħ tagħhom, u ta' 10 mg/kg għas-somma tal-komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fil-fowm tat-tifi tan-nar li jintuża biex irażżan il-fwar tal-fjuwils likwidi u n-nirien tal-fjuwils likwidi (nirien tal-Klassi B), li jkun diġà installat fis-sistemi, u jenħtieġ li jibqgħu validi sat-3 ta' Awwissu 2028. Dak il-perjodu taż-żmien jagħti biżżejjed ħin lill-operaturi biex jissostitwixxu l-fowmijiet li fihom il-PFCAs $C_9$-$C_{21}$, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ li jaqbżu l-valuri limitu tal-kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati. Meta l-fowmijiet li fihom il-PFCAs $C_9$-$C_{21}$, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ jitneħħew mis-sistemi tat-tifi tan-nar, uħud minn dawk is-sustanzi jaf jibqgħu fis-sistema anki wara t-tindif u jistgħu jikkontaminaw il-fowmijiet il-ġodda li jiġu installati. Bħalma japplika għall-PFOA, l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, jenħtieġ li jiġi stabbilit valur limitu ta' 10 mg/kg għas-somma tal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$, l-imlieħ tagħhom u l-komposti relatati mal-PFCAs $C_9$-$C_{21}$ fil-fowmijiet tat-tifi tan-nar mingħajr fluworu li jiġu installati wara t-tindif tas-sistemi tat-tifi tan-nar.

(9) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(10) Biex l-emenda tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tapplika mad-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Konvenzjoni għall-Unjoni, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' Diċembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.9.2026

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*